**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 17, 31, 95, 96 (a), 214, 215, 221(1), 254, 261(b) (f) ( c), 263 (a), 267, 270, 278, 279 (b), 280, 281, 283, 283A, 326 (1) ( c ) (f ), 338 (dd) u 339 (1) (d)**
**tal-Kapitolu 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

***Kumpilazzjoni Nru:893 /2013***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**STEPHEN MIFSUD**
**(ID567676M)**

**JEAN CLAUDE MIFSUD**
**(ID301096M)**

**Illum 26 ta' Settembru, 2017.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **Stephen Mifsud** detentur tal-karta tal-identita' Nru 567676(M);

U

**Jean Claude Mifsud** detentur tal-karta tal-identita' Nru 301096(M)

gew imressqa quddiemha u akkuzati talli nhar il-15 ta' Settembru, 2013 u fi tlett snin u nofs ta' qabel minn gewwa c-Chick King fi Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara:-

1. Ikkomettew delitt ta' serq ta' elettriku aggravat bil-'mezz', bil-'hin' u bil-'valur' li huwa izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-detriment tal-Enemalta;

2. Ghamlu hsara fil-makkinarju jew fil-gumni tal-elettriku, jew ikkagunaw t-telf tal-kurrent elettriku;

3. Ghamlu hsara jew kisru xi parti minn xi *meter* tal-elettriku, jew is-sigilli tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew gumni uzati fil-provvista tal-elettriku, jew is-sigilli taghhom;

Aktar talli fil-15 ta' Settembru 2013 ghall-habta tas-sebgha u kwart ta' filghaxija (19.15 Hrs) gewwa il-hanut Chick King fi Triq Fleur-De-Lys, Birkirkara;-

4. Attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma tiqiesx vjolenza pubblika, kontra l-Kuntistabbli tal-Pulizija PC708 Michael Vella, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

5. Ghamlu offiza hafifa fuq il-Kuntistabbli tal-Pulizija PC708 Michael Vella, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz publiku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghuh jew li jinfluwixxu fuq kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

6. Ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Michael-George Cini, bhala *senior distribution technical officer* tal-Enemalta, skond kif iccertifikat Dr. Daphne Gatt M.D. mic-centru tas-sahha tal-Furjana;

7. Talli hebbew ghal PC708 Michael Vella sabiex jingurjawh, idejquh jew jaghmlulu l-hsara;

8. Talli b'xi mod attakkaw jew irrezistew bi vjolenza lil PC708 Michael Vella, waqt il-qadi ta' dmirijietu;

9. U aktar talli volontarjament kisru l-bon ordni w il-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom zewg (2) estratti mill-att tat-twelid tal-imputati a fol. 7 u 8, fedina penali netta tal-imputat Jean Claude Mifsud a fol. 9, fedina penali tal-imputat Stephen Mifsud a fol. 10 et sequitur, zewg (2) stqarrijiet tal-imputati a fol. 16 et sequitur u kwerela a fol. 22 tal-Process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April, 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru, 2014.

Illi nhar it-8 ta' Ottubru, 2013 xehed **PC708 Michael Vella** u mistoqsi jekk jiftakarx data partikolari fejn hu kien mar jaghmel spezzjoni gewwa Birkirkara, ma' min kien, fejn marru u x'gara dakinhar huwa spjega li kien fil-hmistax (15) ta' Settembru, tas-sena *two thousand thirteen* (2013). Dakinhar kien *off duty* u kien ordnat biex jaghmel *extra duty* mal-Enemalta u fid-disgha ta' filghodu (9:00am) u bdew iduru l-istabbilimenti. Mistoqsi jekk huwa kellux xi *instructions* specifici jew x'kien xogholu huwa spjega li xogholu li jipprotegi l-haddiema tal-Enemalta u li jzomm il-bon ordni f'kaz li jinqala' xi haga. Xi s-sitta u ghaxra ta' filghaxija (6:10 pm) dahlu f'dan il-hanut li

jismu c-Chick King. Mistoqsi fejn qieghed huwa spjega li qieghed Birkirkara, fejn l-istazzjon, Triq Fleur De Lys. Sabu tnejn (2) min-nies; daqsxejn ta' tfajla u kien hemm ragel fil-kcina jsajjar u qalulhom li huma rapprezentanti tal-Enemalta u xtaqu jaraw il-*meter*. Huma qalulhom li l-*meter* huwa msakkar u c-cwievet qeghdin ghand is-sid. Huma talbuhom icemplu lis-sid biex jigi jifthilhom il-*meter*. Sadanittant ir-ragel li kien qed isajjar cempel lil xi hadd u x'hin qata' mar qalilhom li s-sid kien nesa' c-cwievet u l-*mobile* id-dar. Irrispondiethom il-mara, u qaltilhom li ma tafx fi x'hin gejjin u m'ghandiex fuq x'hiex taqbadhom. Tal-Enemalta qalulhom li huma ha jibqghu jistennew hemm sa x'hin jigi s-sidi u jifthilhom. Sadanittant dan l-istess lavrant qalilhom li hu kien se jaghlaq u mhux ha joqghod jistenna s-sid. Qalulu li huma ha jibqghu jistennew xorta sa x'hin jinfetah il-*meter*. Wara qisu xi ghaxar (10) minuti cempel it-telefon ta' dan il-lavrant u mbaghad dab qalilhom li s-sid gej jifthilhom. Sas-sebgha ta' filghaxija (7:00pm) kien ghadu ma mar hadd. Hu staqsa lil-lavrant kemm kien fadallu, u dan qalilhom li jekk kellu n-nies Wied il-Ghajn mhux ha jaqbad u jaghlaq u jmur jifthilhom. Sadanittant tal-Enemalta avzawh biex joqoghod naqra attenti, ghaliex dan kienu marru jiccekjawh Wied il-Ghajn u ghamlilhom messa in scena. Inqalghet xenata minhabba l-kaxxa tas-sigaretti u fil-kommozzjoni nqalghat il-kalamita. Tal-Enemalta jafu li hemm il-kalamita ghax thalli qisha marka mal-*meter*. Insomma qalulu biex joqghod attent biex ma tergax tirrepeti ruhha din il-bicca tax-xoghol. Zied li xi ftit wara, ghal xi s-sebgha u ghaxra (7:10) dahlu tnejn (2) min-nies, wiehed dahal minn quddiem u l-iehor gie minn wara ghax ghandu bieb jinfed ghan-naha ta' wara tal-istazzjon, fejn tal-venda. Wiehed, is-

sid, dahal bhala klijent, dahal jixtri, ordna l-ikel u sadanittant mar fejn il-kaxxa tas-sigaretti. Mistoqsi jekk dan il-persuna li qed jitkellem fuqu, hux prezenti fl-Awla, huwa spjega li dawn it-tnejn (2) min-nies huma l-imputati. Huwa spjega li ta' quddiem, li fl-Awla kien liebes l-ingravata hadra, li pero' ma jafx x'jismu, dahal jixtri u beda jhares qisu klijent u hassbu. Dan mar fejn il-magna tas-sigaretti. Dak il-hin lilu bhal qisu daqqitlu qanpiena ghax ftakar b'dak li kienu rrakkontawlu tal-Enemalta li kien gara Wied il-Ghajn u fejn hemm il-*meter* imsakkar il-bieb ta' barra tal-*aluminium*, jinfetah, jintewa' u kien ikun fuq il-*meter* ikun jigifieri mal-kantuniera qed jghatti l-*meter*. Dan is-Sinjur sakemm qed isarraf il-flus qabad il-bieb tal-*meter*, qabad il-bieb ta' barra u fethu hekk biex jaghmel il-wisa' biex ikun jista' jidhol ghall-*meter* sadanittant il-*five* Ewro (€5) ma bediex ittiha rega' mar ghand il-kaxxier u sarrafhom *coins* il-*five* Ewro (€5) u tafa' is-sigaretti u gabarhom is-sigaretti u rega' mar mal-bank. Sadanittant huwa flimkien ma' tal-Enemalta baqghu jistennew, hu baqa' hemm u dan imbaghad beda diehel fil-kcina s-Sinjur u mar ikellem il-guvnott. Mistoqsi min hu s-Sinjur li qed jitkellem fuqu, huwa spjega li qed jitkellem dwar is-Sinjur tal-ingravata hadra li huwa l-imputat Stephen Mifsud. Huwa spjega li x'hin rah dahal fil-kcina u dahal ikellem lis-Sinjur l-iehor u lill-kok, intebah li kien jafhom u f'hin minnhom regghu hargu barra mill-bieb ta' wara u regghu dahlu. X'hin rahom hekk qallu "Sinjur inti ghal li jista' jkun il-hanut tieghek"? X'hin qallu hekk, dak hareg ghalih, beda jghajjat, wiccu nbidel, qabdu minn ghonqu u beda jkecciehom 'il barra. Lilu beda jigbdu u allura hu wissieh li huwa Ufficjal tal-Pulizija w kien bl-uniformi. Mitlub jispjega minn fejn qabdu huwa spjega li tal-ingravata hadra qabdu mill-komma. Hareg

barra, hareg ic-cavetta tax-*shutter* dahhalha fis-serratura li ghandu fuq barra biex inizzel ix-*shutter* u caqlaq naqra x-*shutter* hekk biex inizzlu. Wiehed minn tal-Enemalta dahal gewwa. Dan kellu *file* f'idu bil-karti u l-imputat (tal-ingravata hadra) qabadulu u venvinulu f'nofs ta' triq. Spjega li x'hin rah hekk mar fuqu qallu "X'qed taghmel? Ghalfejn qed taghmel hekk?" Talbu jifthilhom il-*meter*, u avzah li qabel jifthilhom il-*cash* tal-*meter* ma kinux ha johorgu l-barra. Sadanittant mar it-tifel tieghu (l-imputat l-iehor) minn wara ghax hu kien qieghed wara l-bank u mar itih minn wara. Huwa dar ghat-tifel tieghu mbaghad u gie missieru min-naha l-ohra. Il-missier laqtu. Sakemm hu kien qieghed fejn il-missier, it-tifel waddablu s-siggijiet. Mistoqsi liem huwa t-tifel huwa spjega li huwa s-Sinjur tal-ingravata vjola li kellu idu kollha tpingija. Il-Prosekuzzjoni spjegat li tal-vjola huwa Jean Claude Mifsud. Huwa inqabad f'nofshom. Il-missier rega' hebb ghalih u laqtu daqqa taht ghajnu ezatt, it-tifel minn ma' genbu beda jtih bis-sieq u laqtu f'koxxtu fil-genb ta' siequ, tant li messlu l-partijiet intimi tieghu. Spjega li bid-daqqa li tah qasamlu l-laham ta' koxxtu w ghamel xi sebat ijiem (7) ihoss l-ugiegh. Qal li ghal naqra ma laqtux fil-parti tieghu. Sadanittant il-missier mar jiftah il-*meter* bis-serqa, huwa nduna x'ha jaghmel cioe' li ha jiehu xi haga mill-*meter* u mar fuqu. Dak beda jissara mieghu u dan, it-tifel rega' mar ghalih u fil-frattemp il-missier lahaq fetah il-*meter* izda hu ma hallih jiehu xejn. Imbaghad it-tifel tieghu qabad mejda u waddabhielu. Sadanittant l-iehor qala' l-kalamita. X'hin qalaghha mar biex jehodhielu. Bdew jissaraw u mar it-tifel hadhielu minn idu w harab biha. Telqu t-tnejn. Cempel ghall-Pulizija biex jigu jghinuh. X'hin marru l-Pulizija fittxew. Il-film, id-*decoder* ma sabuhx. Skond hu

x'hin dahlu fil-hanut u rahom hergin barra jahseb li hargu d-*decoder* bhal ma gara Wied il-Ghajn. Qal li huwa laqqat daqqa ta' ponn f'wiccu, daqqa ta' sieq u laqat idu mal-hajt hin minnhom x'hin laqa' siggu u ghadha sallum il-gurnata tugghu x'hin jiddrittaha u x'hin jghawwigha. Mistoqsi jekk ghandux xi certifikati medici l-Prosekuzzjoni spjegat li kienu se jigu prezentati. Haseb li idu kienet miksura u mar il-Policlinic tal-Mosta u hadulu *x-ray*. Il-Professur qallu li mhiex miksura imma bl-ingwent li tawh ghadha ma ghadditlux u ghadu jhossha sal-lum. Siequ ghaddietlu, idu, il-hmura ta' ghajnejh telqitlu ukoll.

Mistoqsi x'daqs tkun din il-kalamita spjega li l-kalamita toqghod qisha f'idek. Huwa spjega li x'hin beda jzommu minn wara, dak hareg idum newwilha lit-tifel u dak telaq mill-bieb ta' wara d-dar tal-venda. Mistoqsi din il-kalamita minn fejn qalaghha huwa spjega li l-kalamita qalaghha minn mal-*meter* mill-kaxxa tal-*meter* u nfatti l-*meter* kien migruf u kien jidher ghax huwa rah b'ghajnejh. Qal li bhal ma jistghu jikkonfermaw tal-Enemalta l-kalamita thalli l-griz taghha mal-*meter*. Il-*meter* abjad. Mistoqsi l-kalamita x'kulur hi huwa spjega li griza. Mistoqsi jekk lill-impjegat tal-Enemalta Michael George Cini rahx f'xi hin li gie aggredit jew imsawwat huwa spjega li hin minnhom ta lill-imputat Stephen Mifsud jimbuttah il-barra.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami huwa spjega li beda xoghol fid-disgha ta' filghodu (9:00am). L -*extra duty* kien li jaghmel spezzjonijiet mal-Ufficjali tal-Enemalta. Ikkonferma li l-incident illi

qed jitkellem fuqu gara izjed tard filghaxija. Mistoqsi jekk din kinitx l-ahhar spezzjoni taghhom jew kienx jonqoshom izjed spezzjonijiet huwa spjega li kienu ha jaghmlu iktar. Mistoqsi jekk l-ispezzjonijiet isirux *random,* huwa spjega li tal-Enemalta jimmarkaw hwienet u jghidu ha jidhlu hawn. Qal li ftit qabel marru go hanut iehor tat-tigieg li hemm quddiemu, qabel ma marru ghandu. Mistoqsi jekk matul il-gurnata kinux qed jaghmlu spezzjonijiet minn hanut ghall-iehor huwa spjega li iva. Mistoqsi jekk ma kienx hemm minn qabel xi pjan stabbilit ta' fejn imorru u ma jmorrux jew jekk kienx hemm zona u ha jimxu ma' dik iz-zona, huwa spjega li filghodu ghamlu zewg spezzjonijiet wara rapporti, imbaghad bdew iduru huma.

Mistoqsi jekk meta ra lil Mifsud tal-ingravata hadra jiftah il-*meter* u johrog xi oggett, jekk dan l-oggett qattx gie fil-pussess tieghu, huwa stqarr li qatt ma gie f'idu u mill-pulizija qatt ma gie elevat dan l-oggett. Ikkonferma li rah idahhal idu u jaghmel il-forza biex jaqlaghha u mbaghad raha f'idejn is-Sinjur tal-ingravata hadra. Qal li jaf kif inhi l-kalamita u jaf li raha f'idu. Mistoqsi kif wasal ghall-konkluzjoni li f'idu kellu kalamita, spjega li dak kellu jdejh taht ghajnu x'hin qabdu w kienet tidher griza w anke s-sinjali fil-genb taghha ra. Ikkonferma li ra oggett griz u li qatt ma gie fil-pussess tieghu, vicin tieghu iva imma f'idu ma kienx.

Mistoqsi jispjega l-kwistjoni tad-*decoder*, spjega li lis-Surgent ta' Birkirkara li mar fuq il-post qallu biex jaraw il-film biex jghidilhom

x'gara. Mistoqsi fl-istabbiliment lil min u ghal min staqsew ghall-*cameras* lil min kellmu huwa spjega li mbaghad is-Surgent ghamel l-investigazzjoni tieghu. Mistoqsi jekk huwa kienx mieghu huwa spjega li staqsa lill-haddiema li kien hemm hemm u qalulu li m'ghandhomx *decoder*. Mistoqsi jekk hu f'xi mument rax lill-imputati hergin b'xi *decoder* huwa spjega li hargu xi haga barra zgur m'huwiex cert x'inhi jigifieri ma jistax jghid jekk *film* jew *decoder*. Mistoqsi minn fejn qed jghid li hargu xi haga huwa spjega li x'hin kienu fil-kcina fuq wara. Mistoqsi jekk huwa marx warajhom huwa spjega li huwa ma' genb il-bank qed josserva x'inhuma jaghmlu. Huwa ssusspetta hazin x'hin hargu l-barra. Mistoqsi jekk rahx jaqla' xi *decoder* huwa spjega li ma rahx. Mistoqsi jekk gabarx xi *decoder* huwa spjega li ma rahx jaqlaghha. Jigifieri ma tax kaz dak il-hin ghax kien ghadu ma gara xejn. Mistoqsi jekk meta kien hemm is-Sinjur gabarx xi *decoder* huwa spjega li le ma ngabar xejn. Mistoqsi jekk rax fejn suppost kien dan id-*decoder* huwa spjega li l-investigazzjoni mhux hu ghamilha. Mistoqsi jekk hu kienx mieghu huwa spjega li l-investigazzjoni li ghamel dak il-hin kien mas-Surgent. Huwa lis-Surgent spjega x'qallu. Mistoqsi x’ghamel is-Surgent meta qalulu li m'ghandhomx *decoder* spjega li ma jafx ghax hu mbaghad mar il-Policlinic u l-investigazzjoni ried ikompliha s-Surgent. Mistoqsi jekk hu mas-Surgent kompliex fuq din il-kwistjoni tad-*decoder*, spjega li ma kompliex. Mistoqsi jekk qalulux li m'hawnx *decoder* u daqshekk huwa spjega li daqshekk u dak li jaf fuqha din. Huwa spjega li normalment meta jghidulhom jifthulhom il-kaxxa tal-*meter* jifthulhom il-*meter*, ma kien hemmx ghalfejn issir din il-kummiedja kollha.

Illi nhar l-14 ta' Ottubru, 2013 xehed **Stephen Azzopardi** u spjega li huwa jahdem mac-Chick King Birkirkara u ilu jahdem hemmhekk xi erba' (4) xhur, hamsa (5). Mistoqsi jekk is-Sinjuri li hemm hemmhekk prezenti gol-Awla kif jafhom huwa spjega li mar ghamel l-*interview* u dahal jahdem maghhom. Huwa spjega li huma l-imghallmin tieghu. Mistoqsi rigward li kien hemm gurnata partikolari illi kien hemm xi spezzjoni li saret fil-hanut jekk jiftakar meta kienet din l-ispezzjoni huwa spjega li ezatt, ezatt il-gurnata ma jiftakarhiex imma huwa kien xoghol. Mistoqsi kemm ilu dan li sar huwa spjega li bejn wiehed u iehor jahseb qisu xi xahar, ghall-habta ta' xi s-sitta u nofs (6:30), is-sebgha (7:00)l. Mitlub jispjega x'gara dakinhar huwa spjega li x'gara ezatti ma jistax jghid ghax kien qieghed fuq in-naha ta' wara tal-kcina. Kull ma jaf li sema' kelma hallini u xi storbju gol-hanut imma l-bqija ma jaf xejn iktar x'gara ghax minn fejn kien qieghed huwa ma seta' jara assolutament xejn. Mistoqsi x'inhu xogholu gewwa c-Chick King, qal li jsajjar. Mistoqsi jekk kienx wahdu jew jekk kienx hemm xi nies ohra jahdmu mieghu huwa spjega li kien hemm il-kaxxiera li jisimha Kelly imma ma jafx il-kunjom. Mistoqsi dak il-hin fejn kienet din Kelly huwa spjega li kienet mal-*cash*. Mistoqsi jekk f'xi hin minnhom Kelly ghajtitlux, jew qaltlux xi haga, wiegeb li le ma harigx minn hemm gew. Qal li hareg minn hemm gew wara li gara l-kaz, mhux ghax ghajtitlu imma hareg huwa biex jistaqsiha x'gara. Mistoqsi mela x'kaz gara huwa spjega li wara li sema' l-istorbju hareg biex jara x'gara u qaltlu li ggieldu. Qal li ma jaf xejn iktar. Qal li ma qaltlux min iggieled ezatti, kull ma qaltlu l-kelma ggieldu u ra l-imwejjed f'nofs il-

hanut u il-bqija ma jafx x'gara u ma garax ezatti. Mistoqsi jekk rax l-imwejjed f'nofs il-hanut huwa spjega li iva gabarha huwa l-mejda. Mistoqsi min kien hemm nies gol-hanut meta gara l-kaz, spjega li kienu huwa u l-kaxxiera. Il-Prosekuzzjoni staqsietu huwa x'fehem meta qaltlu li kien gara dan il-kaz huwa spjega li jekk tghidlu ggieldu, jkunu iggieldu. Mistoqsi min iggieled huwa spjega li ma qaltlux, jaf li qaltlu ggieldu imma min iggieled ma qaltlux. Mistoqsi kif meta kien hemm kommozzjoni kbira hu ma jaf xejn x'gara, spjega li lanqas idea m'ghandu. Qal li hu sema' mejda tinstaba u l-kelma "hallini", imma baqa' gewwa u m'ghamel xejn.

Mistoqsi fejn kien meta sid il-hanut dahlu gol-hanut, qal li kien fil-kcina wara. Imbaghad qal li l-imghallem dahal minn quddiem u t-tifel mar hdejh fil-kcina. Mistoqsi minn fejn hargu huwa spjega li mill-bieb ta' wara. Mistoqsi jekk il-hanut ghandu xi biex iehor huwa spjega li hemm wiehed wara u wiehed quddiem. Mitlub jispjega minn fejn dahlu u minn fejn hargu huwa spejga li l-imghallem Stephen Mifsud dahal minn quddiem. Mistoqsi jekk hux qed jaghrfu fl-Awla, huwa indika wiehed mill-imputati u qal li dan dahal minn quddiem, pero' m'ghandux ideja l-hin x'kien. Imma jaf li dahlu flimkien. Ikkonferma li kien filghaxija u jahseb li kien qed jidlam kienu xi s-sitta u nofs (6:30), is-sebgha (7:00) izda ma kienx iktar tard. Mistoqsi t-tifel minn fejn dahal huwa spjega li t-tifel mar hdejh fil-kcina jigifieri dahal minn wara. Mistoqsi jekk meta dahlu dawn kellhomx xi haga f'idejhom huwa spjega li le ma kellu xejn. Mistoqsi dwar meta hargu huwa spjega li ghall-inqas it-tifel ma kellu xejn zgur, l-imghallem ma jafx. Huwa spjega li dwar meta hargu ma jistax jghid, jaf li hargu

jigru imma huwa ma ra xejn suspettuz f'idhom. Mistoqsi jekk qalulux xi haga lilu, huwa spjega li le. Jaf li hargu jigru imma ma jafx x'gara iktar. Mistoqsi jekk spjegawlux wara x'gara huwa spjega li hu lanqas rah lill-imghallem wara. Mistoqsi jekk meta hargu jigru hasibx li gara xi haga, spjega li ghalhekk hareg u staqsa lill-kaxxiera x'gara, x'hin rahom hargu jigru. Mistoqsi x'qaltlu l-kaxxiera huwa spjega li qaltlu li ggieldu imma ma qaltlux min iggieled. Huwa rahom hergin jigru, kif hargu jigru hareg staqsa x'gara u dik imbikkma qaltlu “heqq iggieldu”. Mistoqsi jekk rax xi affarijiet maqlubin qal li ra mejda maqluba. Fil-fatt gabarha hu. Mistoqsi jekk wara sarx jaf x'gara,spjega li lill-imghallem baqa’ ma rahx, fil-fatt illum rah l-ewwel darba. Mistoqsi jekk wara li ra l-imghallmin hergin minn hemmhekk u wara li hareg jistaqsi lill-kaxxiera x'gara, fil-hanut kienx ghad fadal nies, qal li jidhirlu li l-Pulizija biss kien hemm, fil-fatt dawn lanqas hallew lil hadd jidhol. Qal li l-Pulizija nterrogawh u hu qalilhom l-istess haga. Mistoqsi jekk il-Pulizija qallux fuq hiex qed jinterrogah huwa spjega li lilu staqsewh biss x’ra u hu qallu li ma seta' jara xejn minn hemm wara w ma jafx x'gara, jaf biss li qalulu li ggieldu. Mistoqsi jekk il-Pulizija f'xi hin semmielux li kien hemm xi nies tal-Enemalta fuq il-post huwa spjega li iva. Mistoqsi jekk huwa jafx min kien involut f'din il-glieda u x'jaf ezatt fuq din il-glieda, huwa spjega li jaf li kien hemm nies tal-Enemalta, jaf li gie l-imghallem imma fuq hiex u ghalxiex ma jafx. Ikkonferma li ra lin-nies tal-Enemalta fuq il-post ghax marru jsaqsuh ghall-imghallem u qalilhom l-imghallem mhux qieghed hemmhekk u ha jcempillu biex jigi. Mistoqsi jghid dan fi x'hin gara qal li kienu xi s-sitta u nofs (6:30) qabel ma nqala' il-kaz zgur. Ikkonferma li kien baqa’ gewwa waqt li gara l-kaz imma qabel kien

hareg ikellimhom lil tal-Enemalta. Staqsew ghall-imghallem, qalilhom li kien ha jcempillu qalilhom ghax ma kienx qieghed hemm. Cempillu, marru n-nies u hu dahal fil-kcina jaqdihom. Ma qalulux x'rieduh lill-imghallem. Mistoqsi jekk qalulux jekk kellhomx bzonn xi cavetta u ghalxiex riduha din ic-cavetta huwa spjega li lilu qalulu li marru biex jaqraw il-*meter* tad-dawl. Qalilhom li c-cavetta ghand l-imghallem tkun u se jcempillu. Mistoqsi qallux x'ried tal-Enemalta huwa spjega li jimmagina li tal-Enemalta biex jaqra d-dawl jigi u ghal xejn iktar. Mistoqsi x'qallu bhala fatt huwa spjega li lilu qallu biex jaqra daqsxejn id-dawl u hu qallu li ha jcempel lill-imghallem ghax ic-cavetta ghandu tkun. Mistoqsi hu x'ghamel huwa spjega li cempel lill-imghallem u qallu ejja ghax hawn tal-Enemalta jriduk. Mistoqsi x'qallu l-imghallem huwa spjega li qallu gej *all right*. Mistoqsi li jigifieri hu kien jaf li l-imghallem gej fuq il-post huwa spjega li iva kien jaf.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami gie mistoqsi jindika lill-Qorti fejn jahdem ic-Chick King kemm hemm kmamar jew *partitions* huwa spjega li ghandhom tlett (3) *partitions*. Mitlub jindika lill-Qorti dawn it-tlett (3) *partitions* x'inhuma huwa spjega li ghandhom wahda hemm l-imwejjed fejn jidhlu jinqdew in-nies, imbaghad ghandhom il-*partition* tal-kcina u mbaghad ghandhom il-*partition* ta' fejn ghandhom il-*freezers* u hekk. Ikkonferma illi dakinhar tal-incident kien hemm zewg (2) impjegati, hu bhala kok u l-kaxxiera. Meta nstema' l-istorbju hu kien fil-kcina u l-kaxxiera f'postha mal-cash. Mistoqsi x'inhu l-materjal tal-mejda li sema' tinkiser, huwa spjega li

sema' hoss ta' mejda tal-*pastic*. Huwa spjega li l-mejda ma nkisritx totalmeta, kienet imxellfa mill-genb. Mistoqsi apparti l-mejda li qed jindika lill-Qorti li hija tal-*plastic* fil-hanut fejn jidhlu n-nies u jpoggu hemmx xi affarijiet ohra tal-*plastic,* spjega li mejda u siggijiet hemm biss. Mistoqsi jekk is-siggijiet li semma' humiex tal-*plastic* ukoll huwa spjega li s-siggijiet maghmulin mill-*plastic* u *aluminium*. Mistoqsi jekk il-hoss li sema' kienx tal-*plastic* huwa spjega li iva. Mistoqsi jekk jistax ikun attribwit bilfors ghall-mejda jew jistax ikun li kienu xi siggijiet tal-*plastic* illi waqghu mal-art huwa spjega li jista' jkun siggijiet ukoll. Huwa qed jghid mejda ghax ra mejda maqluba jigifieri u gabarha imma x'kien ezatti l-hoss bhal ma spjega kien fil-kcina ma jistax jghid.

Ikkonfemra li n-nies tal-Enemalta kienu staqsewh ghas-sid. Qal li lill-imghallem cempillu mill-*mobile* tieghu. Meta cempillu, irrispondietu l-mara tieghu u qaltlu li kienet se ccempillu ghax ma kienx qieghed hemmhekk. Mistoqsi sussegwentement x'ghamel spjega qal lil tal-Enemalta li l-imghallem gej ghax cempillu, qalilhom li mhux qieghed id-dar u ha jghid il-mara tieghu qed tipprova tikkuntattjah. Mistoqsi jekk huwa regghax mar ikompli b'xogholu fil-kcina huwa spjega li iva.

Illi nhar is-27 ta' Dicembru, 2013 xehdet **Kelly Camilleri** u spjegat li taf liz-zewg imputati peress illi saret tafhom minn ommha u missierha u spjegat li fuq ix-xoghol bdiet tahdem maghhom gewwa l-

istabiliment Chick King ta' Birkirkara. Mistoqsija jekk kienux l-imghallmin taghha spjegat li iva. Qalet li kienet bdiet b'dan l-impieg f' Marzu ghalkemm qabel kienet Marsascala u bdiet tahdem Birkirkara fis-sajf ta' qabel. Ikkonfermat li ma tiftakarx il-jum meta inqala' l-incident gewwa c-Chick King pero' seta' kien f'Settembru tal-istess sena. Spjegat li dakinhar dahlu zewg (2) irgiel flimkien ma' Pulizija, staqsewha biex jaraw il-*meter* tad-dawl u marret issaqsi lil dak li kien hemm maghha. Hija marret fuq il-kollega taghha u dan qalilhom li ried icempel lill-imghallem teighu. Cempillu, u dawn bdew jistennewh. Mistoqsija min kien dan il-persuna l-ohra spjegat li kien Stephen, li kien jahdem maghha. Imbaghad stennew u l-imghallem kien wasal mat-tifel. Imbaghad taf li hareg. Ezatt x'gara insiet.

Mitluba tiftakar mill-Qorti hija spjegat li kien hemm zewg (2) irgiel u l-Pulizija li qaghdu fuq barra tal-hanut, fejn l-imwejjed. Il-Pulizija kien dahru lejha mal-bank tal-hanut. It-tifel tal-imghallem baqa' hdejha, fejn il-bank ta' fuq.

Mistoqsija t-tifel x'jismu hija spjegat li jismu Jean Claudeu gharfitu bhala l-imputat fuq in-naha tax-xellug. Hija kompliet tispjega li mbaghad rega' hareg Stephen minn wara u kien ser jaghlaq ix-*shutter* u rega' tellghu. Safrattant il-Pulizija kien ghadu dahru lejha, qed ihares lejn Stephen u x'hin Stephen mar biex jiftah il-kaxxa fejn kien hemm il-*meter* tad-dawl il-Pulizija resaq lejh. Kien ftit lura. Imbaghad

Stephen bic-cavetta fil-kaxxa u fil-pront inqalghet il-glieda bejn Stephen l-imghallem u l-Pulizija. Qalet li m'ghandhiex idea kif inqghalet *as such*. Kienet wisq haga ta’ malajr.

Ziedet li mbaghad ma tafx kif dahal it-tifel, rat siggu fl-arja. Kienet imwerwra. Mistoqsija jekk tafx min waddab is-siggu fl-arja spjegat li m'ghandhiex idea min kien. Mistoqsija jekk ratx sitwazzjoni ta' glied, fis-sens jekk hux bil-ponn jew jaghtu bl-idejn spjegat li *as such* ma tafx kif inqalghet ghax Stephen kull ma ghamel kien li beda jzomm lill-Pulizija lura. Qalet li m'ghandhiex idea kif inqala’ dak il-genn kollu. F’hin minnhom Stephen u Jean Claude telqu jigru minn wara u mill-bieb ta' wara tal-hanut u wara cemplu lill-Pulizija l-ohra biex jigu fil-post.

Mistoqsija jekk hin minnhom lil Jean Claude ratux jigbed lil Stephen Mifsud mill-glieda, wiegbet li ma tafx. Mistoqsija x'kien l-involviment ta' Jean Claude f'dan kollu u x'ratu jaghmel, spjegat li tiftakar li kien ra lil missieru li beda jiggieled u mar jew biex iferraq jew hekk, pero’ ma kientix certa ghaliex kollox sehh ta’ malajr. Spjegat li l-glieda ghall-ewwel bdiet bejn il-Pulizija u Stephen. Spjegat li rat wiehed jimbotta lill-iehor pero’ ma tafx kif u ghaliex bdiet il-glieda. Mistoqsija jekk ratx xi daqqiet ta' ponn jew ta' sieq hija spjegat ma ratx lill-Pulizija jaqla' la daqqiet u lanqas jigi imbuttat. Spjegat li tant kienet ixxukjata li ma tantx kienet mohhha toqghod tara x’kien ghaddej. Mistoqsija jekk lil Jean Claude ratux jimbotta lill-Pulizija hija spjegat li le.

Mistoqsija jekk meta kienu hergin xi hadd minn Mifsudijiet kellux xi haga f'idu hija spjegat li ma rat xejn f'idejn ta' Mifsud.

Ix-xhud tispjega in kontro-esami li qabel ma gew il-pulizija hija kienet wara l-bank taqdi n-nies. Mistoqsija jekk wara l-bank il-mument li dahlu l-Pulizija kienx hemm nies fil-hanut spjegat li tahseb li kienet qed taqdi persuna wahda. Ghall-mument hi hasbet li l-pulizija kienu dahlu biex jixtru. Imma x'hin staqsewha xi jridu ma kienx hemm nies ohra. Mistoqsija fuq din il-bicca xoghol tas-sigaretti li semmiet hi li marret tassisti lil dan il-Pulizija biex ha s-sigaretti minn gol-magna, wiegbet li l-Pulizija ma staqsihiex dwar is-sigaretti.

Qalet li meta rat lil Stephen sejjer fejn kien hemm l-arlogg tad-dawl il-Pulizija kien mal-bank dahru lejha mbaghad resaq ghal warajh. Mistoqsija jekk il-Pulizija marx fejn Stephen bil-pass imhaffef kif rah ha jmur jiftah, qalet li mar fuqu mill-ewwel u li kien ghajnejh il-hin kollu fuqu. Mistoqsija jekk ratux zvelt hekk marx fuqu huwa mill-ewwel hija spjegat li ma tantx hemm boghod biex tasal, zewg passi.

Mistoqsija li kieku kellha tispjega biex tindika l-Qorti l-post fejn iservu kemm huwa kbir, jigifieri jekk hux daqs l-Awla spjegat li izghar. Jean Claude mar fejn missieru fil-mument tal-glieda. Qalet li meta bdew jilletikaw Jean Claude kien hdejha mal-genb tal-bank u hija kienet wara l-bank u mbaghad meta nqala' il-genn mar. Mistoqsija

jekk tiftakarx xi diskors illi ntqal minn Stephen lill-Pulizija spjegat li ma tafx, ma jidhirliex li kien hemm diskors. Tiftakar fl-ahhar tal-glieda Stephen ghajjat lil Jean Claude biex jitilqu minn wara. Mistoqsija jekk ghal li jista' jkun semghetx id-diskors hija spjegat li jista' jkun li semghet.

Illi nhar is-27 ta' Dicembru, 2013 xehed **Michael George Cini** u spjega li jahdem mal-Enemalta u jokkupa l-kariga ta' Technical Officer, Foreman. Xoghlu kien mal-*meter room* u jaghmlu l-*inspections, site inspections* fuq il-*meters* minhabba *theft*. Inoltre jqassam ix-xoghol ta' kuljum tal-haddiema.

Mistoqsi jekk fil-hmistax (15) ta' Settembru, ghamlux *site inspection* f'hanut Chick King fi Triq Fleur De Lys, Fleur De Lys u marrux hemm ghaliex kellhom xi ordni specifika, spjega li le. Spjega li bazikament xogholhom ikun li jmorru ghall-gharrieda u jidhlu go hwienet. Spjega li dakinhar kienu hu, Harry Buttigieg l-assistent u Michael Vella bhala rappresentant tal-Pulizija li kien maghhom ghal buon ordni. Spjega li dan jtihallas mill-Enemalta minkejja li hu Pulizija u jkun liebes l-uniformi.

Spjega li qisu ghall-habta tas-sebgha neqsin kwart (6:45) ta' filghaxija dahlu fil-hanut Chick King fi LFeur de Lys u kien hemm tfajla fuq il-*counter* fejn izzomm il-*cash* u talbuha access ghall-*meter* u din

wegbithom li kellha tinforma s-sid tal- fond li ma kienx qieghed hemm. Talbet xi parir lill-haddiem li kien hemm gol-kcina u qalulu li kienu mill-Enemalta u li kienu qeghdin hemmhekk kemm jaraw il-*meter* biex jaraw li kollox kien sewwa u jmorru l-barra. Qaltilhom li l-*meter cabinet* hi maghluqa u m'ghandhiex access ghaliha. Qal li ma kienx hemm xejn ta' *safety* ghaliex jekk tinqala' xi hsara minn mal-*meter* jew jiehu n-nar u tigi Fire Engine ma tkunx tista' tizola l-*mains*.

Il-Pulizija talbu biex jikkuntattjaw lill-*owner* u dan il-haddiem cempel lis-sid izda ma kellux risposta. Cempel lill-mara tieghu u l-mara tieghu qaltlu li halla z-zewg (2) *mobiles* warajh u ma kinux qeghdin fuqu. Tawha cans biex terga' tipprova tikkuntattjah u qaltilhom li qieghed fil-hanut li kellu Wied il-Ghajn. X'hin qallu li kien ta' Wied il-Ghajn dak il-hin gieh go mohhu bl-istess kummiedja li kienet grat fil-hanut ta' Wied il-Ghajn.

F'xi hin il-mara tas-sid qaltlu li rnexxielha tikkuntattjah u qallha li kien ser imur jiltaqgha maghhom B'Kara wara li jaghlaq il-hanut li ghandu Wied il-Ghajn. Qaltilhom li kapaci jdum anke sal-ghaxra (10:00) ta' bil-lejl il-hdax (11:00) ta' bil-lejl.

Il-Pulizija ghamillha premura li huma m'humiex ha jitilqu mill-hanut qabel ma jaraw l-affarijiet min-naha tal-Enemalta huma kollox sewwa. Dak kienu qisu s-sebgha (7:00) ta' filghaxija. Hin minnhom dahal

guvni min-naha ta' wara tal-hanut ghax il-hanut kien jinfed fuq zewg (2) toroq u beda jparla mat-tfajla li kien hemm mal-*counter*. Ftit wara dahal ragel ma kienux jafu min kien dak il-hin. Hu kien qieghed fejn is-*cigarette machine*. Dan ir-ragel mar ha jixtri pakkett sigaretti, mar fejn tal-*counter* u beda jilmenta li l-magna ma setghetx ittih u l-Pulizija bhal speci nduna x'kien ghaddej ghax kien tarraflu incident simili f'Wied il-Ghajn. Il-Pulizija qallu "int l-*owner* jew m'intix?" U x'hin qallu hekk dak bhal speci far ghalihom.

Lil Harry Buttigieg qabad il-karti li kellu f'idejh u l-*file* u ramihomlu 'l barra mit-triq u pprova jaghlaq ix-*shutter* tal-hanut biex ikeccihom 'il barra. Huma qalulu m'ghandux ghalfejn jaghmel dan l-agir izda kull ma jridu hu li jaraw il-*meter*. La kellmuh hazin, la kellmuh b'arroganza u ma kellmuh xejn, kull ma qalulu jaraw l-affarijiet tal-Enemalta li kollox sewwa u jmorru l-barra. Huwa spjega li Mifsud ipprova jaghlaq il-hanut bihom u x-*shutter* wehillu u pprova jaghti s-salt ghal mal-*cabinet*.

Jaf li wara xi kliem Stephen Mifsud dar fuqu u laqtu hafif go zaqqu. Il-Pulizija pprova jiddefendih. It-tifel tieghu nfexx fil-Pulizija mar itih minn wara u prova jigbdu minn spallejh u hu rega' mar ha jiftah il-*meter*. Ix-xhud qallu "naf x'ha taghmel, ha tehodha minn mal-*meter"* u x'hin rega' sema' hekk il-Pulizija rega' dar fuq il-missier (fuq l-*owner)* u dak il-guvni dar fuqu u beda jxejjirlu bis-sieq.

Il-Pulizija rnexxielu jfarfar lit-tifel minn fuqu u rega' mar ha jaghti s-salt lill-*owner* biex ma jiehux il-kalamita. X'hin ra hekk it-tifel qabad is-siggu li kien hemm u beda jaghti fuq dahar il-Pulizija u mbaghad l-affarijiet minn dak il-hin skalaw. L-iehor irnexxielu mat-tielet (3) darba jiftah il-*cabinet* hataf il-kalamita minn mal-*meter*. Hu stess rah jehodha. Il-Pulizija mar izommu biex jipprova li l-kalamita ma titlaqx minn fuq il-post. X'hin il-Pulizija prova jzomm lill-*owner* hu rnexxielu jghaddiha lit-tifel tieghu u harbu t-tnejn min-naha ta' wara tal-hanut.

Mistoqsi jekk lil dawn il-persuni qieghedx jaghrafhom spjega li iva huma iz-zewg imputati. Spjega li dan il-meter kien ghadu mill-antiki mhux mill-ismart *meters*. *Meter* abjad tad-dawl. Mistoqsi jispjega kif inhi din il-kalamita huwa spjega li din il-kalamita tkun qisha oggett kwadru u hawn hafna tipi. *Rear Earth Magnet* jghidulha l-isem tekniku taghha u din xogholha tpoggiha mal-*meter* tinterferixxi mal-*coils* ghax hu jaqra bis-CT's kif jaqra l-*meter* minn gewwa u ma thallihx jaghmel xogholu lill-*meter*. Jigifieri bazikament kemm iddum imwahhla l-kalamita l-*meter* ma jirregistra xejn.

Mistoqsi bhala ammont ta' dawl kemm seta' gie misruq jew li gie misruq, huwa spjega li gie mittiehed u ma thallasx il-konsum ghalih. Mistoqsi jelabora fuq kemm hu dan il-konsum huwa spjega li huwa bhala xogholu *just* li jara li l-affarijiet huma sewwa u mhux hu johrog il-kontijiet, biex jikwantifika s-serq. Hemm *section* ohra li tikwantifika kemm hu s-serq.

Mistoqsi jekk hemmx xi hadd responsabbli minn din is-*section* spjega li hemm is-Sur Ivo Galea manager u hemm Alan Chetcuti. Mistoqsi jekk kinux ghaddew xi stima lill-Pulizija wiegeb li kienu gabu stima ta' xi sebgha u ghoxrin elf Ewro (€27,000). Mistoqsi fuq perjodu ta' kemm, qal li jaf li l-Enemalta tmur b'lura sa hames (5) snin tikwantifika s-serq. Imma dak hemm nies ghal tal-apposta biex jikkwantifikaw il-hsara li setghet saret.

Spjega li xogholu huwa li jara li l-affarijiet tal-Enemalta u cioe' li l-*meter* m'ghandu l-ebda oggett jew xi haga li tista' tinterferixxi mal-konsum li jigi rregistrat. Jew bil-kalamita jew b'kull mezz ta' tip iehor li jista' dak li jkun iqarraq bl-Enemalta. Mistoqsi jekk jistax jindika lil-Qorti hu x'tip ta' tahrig inghata f'dan ir-rigward huwa spjega li dana ma trid ikollok l-ebda tahrig, ma tridx tkun xi genju.. Mistoqsi hu x'tip ta' tahrig inghata mill-Korporazzjoni spjega li ghamel xi zmien daqs sitt (6) xhur johrog ma' *senior* tieghu biex jiehu l-esperjenza u jkun jista' jaghmel xogholu. Mitlub jistghax jindika lill-Qorti min kienet din il-persuna li hu mar maghha biex ha t-tahrig spjega li ma' min ha t-tahrig mhux qieghed hemm. L-assistent li kien qed jassistih kien ilu johrog mas-*senior* fuq dan ix-xoghol ghal dan l-ahhar hamsa u ghoxrin (25) jew tletin (30) sena, jigifieri ghandu esperjenza vasta. Mistoqsi kif meta jara xi haga tal-hadid kif jasal ghall-konkluzjoni li hi kalamita spjega li l-meter huwa oggett wieqaf ma' hajt, jekk taghmillu hadida, jekk ma tkunx magnetized ma tehilx ghax il-meter

fih innifsu ma jzommx hadid mieghu, jigifieri bilfors kalamita trid tkun biex tehel mal-meter.

Zied jispjega, fuq domanda tad-Difiza, li hu ra bicca hadida mwahhla mal-meter, u ra lill-imputat li liebes ingravata hadra, jaqlaghha u jghaddiha lit-tifel. Dan it-tip ta' hadid kwadra qal li ra hafna imwahhlin ma' meters ohrajn. Zied jghid li ghalkemm hemm diversi tipi ta' kalamiti, suwed jew grizi, bazikament kollha l-istess ikollu. Rega' nsista li kalamita bil-magnetism taghha ma tisslajdjax minn mal-meter ghax dan ikun maghmul minn ferromagnetic u din taqbad mieghu. B'hekk tindika li hi kalamtia. Inoltre, tant kien car li kienet kalamita, li l-Enemalta harget kont tad-danni li sofriet fuqu.

Fuq domanda tad-Difiza, spjega li skond l-Electricity Regulations, ghandu jkun hemm access erbgha u ghoxrin siegha ghall-meter, f'hin ragonevoli, ghall-Enemalta.

Illi nhar is-27 ta' Dicembru, 2013 xehed **Harry Buttigieg** u spjega li jahdem mal-Enemalta fil-kariga ta' Senior Tradesman u ilu jahdem hemmhekk tnejn u ghoxrin (22) sena. Spjega li f'jum partikolari kienu ghamlu xi *site inspection* Birkirkara bejn is-sebgha neqsin kwart (6:45) u s-sebgha u nofs (7:30) gol-fond Chick King, Birkirkara sabiex jiccekjaw il-*meter*. Spjega li fil-hanut kien hemm tfajla wara l-bank, talbuha biex tifthilhom il-kaxxa fejn kien hemm il-*meter* u

qaltilhom li ma ghandhiex access ghaliha stqarret ghax ma kellhiex cavetta biex tiftahha. Cemplu lis-sid, ghall-ewwel qalu ma setghux jaqbduh u ftit wara qalilhom li ghandu jmur. Qaghdu jistennew sakemm jasal jaf li f'xi hin kien hemm wiehed idur gol-hanut u staqsewh jekk hux is-sid. Dak il-hin qabad jirrabja.

Mistoqsi jaghrafx lil dan ir ragel qal li jaghrfu bhala wiehed mill-imputati fil-bank quddiem il Qorti u cioe' dak li kien liebes l-ingravata hadra, u l-iehor jigi t-tifel tieghu Jean Claude. Huwa kompla jispjega li kif kellmuh qabad jirrabja u kecciehom 'il barra. Meta ra li ma telqux, hataflu l-*file* li hu kellu f'idejh u ramihulu barra. Huwa hareg biex jigbor il-karti ghax kien fih il-karti u l-karti tas-sigilli u sakemm kien barra inqala' storbju gol-hanut. Qabdu jaghtu lill-Pulizija.

Mistoqsi jekk huwa rahomx spjega li ra ftit minn barra ghax hu kien faccata tal-hanut. Mistoqsi x'ra, qal li ra s-siggijiet u l-imwejjed joghlew u jaqbdu jaghtu lill-Pulizija. Mistoqsi min kienu qed jaghtu lill-Pulizija spjega li kienu l-imputati, t-tifel u missieru. Imbaghad sakemm dahal, sema' li kienu qalghu xi haga mill-kaxxa u harbu. Mistoqsi jekk il-kaxxa kinitx miftuha spjega li din infethet meta gie s-sid. Mistoqsi x'ifisser meta jghid qed 'jaghtu', wiegeb li bdew jaghtu bis-sieq u jxejjru b'idejhom.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami, kkonferma li l-incident sehh gewwa l-hanut Chick King go Fleur De Lys, f'Birkirkara. Waqt din l-*inspection* kienu tlieta (3) min-nies u dahlu f'daqqa fil-hanut. Spjega li l-ewwel raw fejn qieghed il-*meter* u qalu lit-tfajla li kienet tahdem hemm biex tifthilhom il-kaxxa u din qaltilhom li ma kellhiex cavetta biex tiftah. Huwa spjega li sakemm gie min fetah qaghdu fil-hanut. Mistoqsi jekk hu kienx il-boghod minn fejn kien hemm din il-kaxxa msakkra fejn kien hemm l-arlogg, huwa spjega li ma tantx hemm boghod minn mal-kaxxa ghax il-hanut mhux kbir. Mistoqsi x'gara ezatt fil-mument li s-sid mar jiftah il-kaxxa, spjega li hu ma rax lis-sid jiftah l-kaxxa ghax dak il-hin kien barra jigbor il-karti li kien tefaghlu barra.

In ri ezami qal li minn x'hin kellmu lit-tfajla sakemm gie s-sid, hadd ma fetah din il-kaxxa.

Illi nhar il-15 ta' Settembru, 2014 xehed l-**Ispettur Taliana** u spjega li fil-hmistax (15) ta' Settembru, 2013 ghall-habta tas-sebgha u ghaxra (19:10) ta' filghaxija kienu rcevew rapport min-naha ta' PC 708 li kien informa l-Ghassa ta' San Giljan li hu kien mar ma' zewg (2) Ufficjali minn tal-Enemalta u cioe' Michael George Cini u Harry Buttigieg sabiex jaghmlu spezzjoni ghall-gharrieda gewwa c-Chick King li jinsab fi Triq Fleur De Lys, Birkirkara. Hemm sabu zewg impjegati Kelly Camilleri u Stephen Azzopardi.

L-Ufficjali tal-Enemalta flimkien mal-Pulizija staqsew ghas-sid tal-hanut il-ghaliex riedu jiccekkjaw il-*meter* tal-istess hanut. Waqt illi dawn kellmu lill-impjegati dawn qaluhom illi s-sid ma kienx hemmhekk u qalulhom li kienu ha jcemplulu. Fil-fatt kienu cemplu u tawhom risposta li s-sid ghandu jigi iktar tard. Xi hin wara s-Sur Stephen Mifsud u t-tifel tieghu Jean Claude Mifsud, it-tnejn (2) li huma li qeghdin prezenti fl-Awla bhala l- imputati, marru gewwa l-hanut Chick King u gew mitkellma mill-pulizija. Partikolarment gew mistoqsija jekk kienux l-*owners* tal-hanut Chick King ghax xtaqu li jaghmlu spezzjoni fil-*meter* tad-dawl.

Spjega li dan il-*meter* kien imsakkar f'kaxxa u ghaldaqstant kellu bzonn ic-cavetta biex tigi miftuha. Hemm f'daqqa u l-hin qamet kommozzjoni ‘l ghaliex skond kif irrappurtat dawn ma riedux jifthulhom il-kaxxa. Imbaghad minn hawn u minn hemm il-kaxxa nfethet, pero' f'dak il-hin qam argument bejn il-Pulizija u l-Ufficjali tal-Enemalta ma' Stephen Mifsud u hemmhekk inqalghet il-kommozzjoni kollha. Fil-fatt anke gew fl-idejn ‘l ghaliex waqt illi kienu qed jippruvaw jaraw dan il-*meter* bdew jigu ostakolati milli jaghmlu dan. Kif irrappurtaw anke s-Sur Buttigieg u anke Michael George Cini, f'hin minnhom raw lil Stephen Mifsud jaqla' xi haga minn mal-*meter*, li huma qalu li kienet kalamita pero' din il-kalamita qatt ma nstabet u fil-fatt qalu li wiehed ghaddiha lill-iehor u dawn harbu mill-bieb ta' wara. Pero' spjega illi qabel dan ukoll fil-kommozzjoni anke spiccaw waqghu xi mwejjed u xi siggijiet u li

Stephen Mifsud kien anke qabad wiehed mill-*files* ta' wiehed mill-Ufficjali u kien ramihulu barra fit-triq.

Ghaldaqstant imbaghad wara kienet bdiet it-tfittxija ghalihom u fil-fatt kienu nstabu u iktar ‘il quddiem kienu gew interrogati. L-istess stqarrijiet qeghdin prezenti fl-atti.

L-istqarrijiet gew mehuda fis-sittax (16) ta' Settembru jigifieri l-ghada tal-incident. Dik ta’ Jean Claude Mifsud ittiehdet fl-ghaxra neqsin kwart ta' filghaxija (21:45). Spjega illi kien inaghtalhom id-dritt tal-Avukat qabel l-istqarrija, izda kienu rrifjutaw l-assitenza legali u anke kienu inghataw d-dritt li ma jwiegbux. Jean Claude kien ghazel li jwiegeb ghall-mistoqsijiet kollha. Fil-fatt kien anke ffirma l-istqarrija, l-istess stqarrija hija esebitaa a fol. sittax (16), sbatax (17) u tmintax (18) tal-Process u spjega illi jaghraf il-firem tieghu, il-firem ta' PC 1027 Simon Micallef u l-firem ta' Jean Claude Mifsud fuq kull pagna.

Hemm stqarrija ohra esebita a fol. dsatax (19), ghoxrin (20) u wiehed u ghoxrin (21) tal-atti. Din hija l-istqarrija ta' Stephen Mifsud li wkoll giet rilaxxata fis-sittax (16) ta' Settembru ghall-habta tat-tmienja u tmintax-il minuta (20:18) ta' filghaxija fejn l-istess Stephen Mifsud ghazel li jiehu l-parir minghand Dr. Joe Giglio u fil-fatt kien ghazel li jwiegeb ghall-mistoqsijiet kollha ukoll maghmula lilu u dan ukoll kien prezenti ghaliha l-kuntistabbli PC 1027 Simon Micallef.

Spjega illi f'din il-kommozzjoni l-Ufficjali tal-Enemalta kienu sofrew xi griehi ta' natura hafifa. L-istess jinghad ghall-Pulizija PC 708 Michael Vella. Mistoqsi jekk huwa kienx fuq il-post in kwistjoni spjega li ma kienx u kien qed jirrelata dwar dak li gie rrappurtat lilu. Il-partecipazzjoni tieghu kienet biss tikkoncerna l-investigazzjoni wara li kien sarlu dan ir-rapport u b'hekk ha l-verzjoni tal-partijiet inkluz dik tal-imputati prezenti . Jghid li lanqas wara ma mar fuq il-post.

Illi nhar il-15 ta' Jannar, 2015 xehed **PS 321 Alan La Grasta** li ipprezenta okkorrenza mehuda minnu datata hmistax (15) ta' Settembru, 2013 rigward rapport li kien sar min-naha tal-Control Room fejn talbuh imur gol-hanut maghruf bl-isem ta' Chick King fi Triq Fleur De Lys, Birkirkara u dan peress li kien safa' aggredit Pulizija. Huwa minnufih kien telaq mill-Ghassa tal-pulzija ta' Birkirkara u wasal fuq il-post fejn sab diversi nies tal-R.I.U. Hemmhekk tkellem ma' PC 708 Michael Vella. Spjega li rrizultalu li dak kien qieghed *extra duty* ma' tal-Enemalta.

Spjega li PC708 effettivament kien liebes l-uniformi izda kien zarmat. Ix-xhud qa li meta hu dahal fil-hanut induna li kien hemm xi siggijiet u mwejjed maqlubin u meta staqsih x'kien gara qallu li kien dahal ma' zewg (2) min-nies tal-Enemalta sabiex jaghmlu spezzjoni fil-fond pero' kull ma kienu sabu l-haddiema.

Spjega li effettivament dan staqsa lil wiehed mill-haddiema, cioe' lil Stephen Azzopardi, sabiex icempel lis-sid u sussegwentement dan kien qallu li s-sid kien se jdum ftit. PC 708 spjegalu li huma qaghdu jistennew fil-hanut, meta f'hin minnhom dahlu zewgt (2) irgiel, wiehed minnhom ordna l-ikel u wara mar wara l-bank fejn kien hemm il-*cash* fejn sarraf xi flus u mar jixtri s-sigaretti. Jaf li PC 708 staqsa lil dan ir-ragel jekk kienx sid il-hanut, fejn dan beda jghajjat ohorguli l-barra u mar jipprova jiftah il-kaxxa ta' fejn kien hemm il-*meter* tad-dawl. Meta PC 708 prova jzommu safa' aggredit minn dawn iz-zewgt (2) irgiel aktarx Stephen Mifsud u ibnu Jean Claude Mifsud. Huwa esebixxa kopja ta' din l-okkorrenza li giet immarkata bhala dokument PS u iffirma din l-okkorrenza fil-prezenza tal-Qorti.

Illi nhar il-15 ta' Jannar, 2015 xehed **Alan Chetcuti** u spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' Professional Executive fir-Revenue Assurance Section tal-Enemalta. Rigwardanti l-kaz li kien sehh fil-hmistax (15) ta' Settembru, 2013 gewwa l-istabbiliment maghruf bhala c-Chick King, Fleur De Lys, Birkirkara huwa pprezenta stima tal-konsum mhux registrat. Ikkonferma li ghamlu *comparisons* bejn dak li gie rregistrat bhala konsum qabel l-ispezzjoni mal-*bench mark* u cioe' stima li normalment issir meta jkun hemm l-*appliances* kif kien hemm f'dan l-istabbiliment.

Spjega li huma rrizultalhom illi effettivament kellu jinhela *one hundred and fifty seven* (157) *units* ta' dawl kuljum, li minnhom tnaqqsu dawk li gew registrati u rrizulta illi tul l-istorja ta' dan il-*meter* li kien installat fit- tnax (12) ta' April, 2010 il-konsum beda *one hundred and thirty three* (133) *units* ta' dawl kuljum pero' kull *reading* li gie registrat in sewgwitu’ dejjem nizel. L-ahhar *reading* kien ta' hdax punt erbgha (11.4) *units* ta' dawl kuljum u dan kien registrat bejn April u Settembru, tas-sena 2013. Kien ghalhekk li ghokrithom ghajnejhom u ghamlu din l-ispezzjoni u dan l-ezercizzju.

Spjega li dan huwa *reading* perjodu tas-Sajf fejn hemm diversi *fridges* u *freezers* u ghalhekk wiehed jistenna li l-konsum ghandu jitla' u wara l-ispezzjoni tellghuh ghal tlett mija u erbgha (304) *unit* kuljum u dan huwa *reading* ta' bejn il-hmistax (15) ta' Settembru, 2013 u s-sebgha u ghoxrin (27) tax-xahar ta' Settembru, tal-istess sena, ikkunsidrat bhala *like* ma' *like comparison* mar-*reading* ta' qablu u dan ghaliex tal-istess perjodu ta' zmien u cioe' s-Sajf. Jghid illi l-istima li hadmu biha hija ta’ *one hundred and fifty seven* (157) u mhux *three hundred* (300) u l-ammont fi flus hu ibbazat fuq il-*comparison* li saret a bazi tar-*reading* ta' *one hundred and fifty seven* (157) kuljum. Il-penali li hemm tohrog mil-ligi u mjammonta ghal sebgha u ghoxrin elf u tlieta u ghoxrin Ewro u sebgha u hamsin centezmu (€27,023.57). Esesebixxa l-istima li giet immarkata bhala dokument SM u l-*history* tal-konsum li l-Qorti markat bhala dokument SM1.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-2 ta' Frar, 2015 (fol. 173) sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi fid-19 ta' Frar, 2015 gew moqrija l-Artikoli u l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Fil-11 ta' Mejju 2017 semghet ix-xhieda ta' **Michael Buttigieg** ghan-nom u in rappresentanza ta' Enemalta. Stqarr li huwa jokkupa l-kariga ta' Professional Executive fir-Revenue Assurance Section tal-Enemalta u kkonferma li kien intlahaq ftehim bejn l- Enemalta u l-imputat Stephen Mifsud fejn l-imputat Stpehen Mifsud obbliga ruhu li jaghmel xi pagamenti mensili lil Enemalta. Il-ftehim in kwistjoni gie iffirmat nhar l-24 ta' Frar, 2017 u fil-fatt sa dakinhar stess l-imputat Stephen Mifsud kien diga' hallas nofs dak dovut minnu. Huwa pprezenta kopja ta' dan il-ftehim li gie markat mill-Qorti bhala dok Z. Ikkonferma li l-bilanc restanti kien ta' tmint elef Ewro (€8,000) .

Illi nhar l-14 ta Settembru 2017 rega' xehed **Michael Buttigieg** u pprezenta rinunzja ghan-nom tal-Enemalta fil-konfront tal-imputati odjerni u kkonferma li l-Enemalta ma kienx ghad kellha interess fil-proceduri odjerni stante li l-imputat Stephen Mifusd kien hallas dak dovut minnu lill-istess Enemalta.

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2017 mid-Difiza fil-presenza tal-Ufficcjal Prosekutur u cioe' li l-imputat Stephen Mifsud kien qed jirregistra ammissjoni ghar-rigward tal-akkuzi numru hamsa (5), sitta (6) u disgha (9) u fil-konfront tal-imputat Jean Claude Mifsud irregistra ammissjoni ghall-akkuzi numru hamsa (5) u disgha (9).

Illi l-Qorti tat zmein xieraq liz-zewg imputati sabiex jaraw jekk riedux jirtiraw l-ammissjoni taghhom, pero' cio' nonostante xtaqu li l-ammissjoni taghhom tibqa' hekk registrata fl-atti.

Semghet lill-Ufficcjal Prosekutur u lid-Difiza jirrimettu ruhhom ghall-atti processwali.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti rat il-Fedina Penali taz-zewg imputati esebita fl-ati a fol. 9 et seq. u tirrileva li l-Fedina Penali tal-imputat Jean Claude Mifsud hija wahda nadifa minghajr ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrata fuqha, waqt li dik tal-missier u cioe' ta' Stephen Mifsud ghandha diversi reati registrati fuqha. L-ahhar sentenza pero' inghatat

nhar l-14 ta' Jannar 2010 fejn Stephen Mifsud inghata ammendi bhala piena.

Il-Qorti rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-**Artikoli 17, 31, 95, 96 (a), 214, 215, 221(1), 254, 261(b) (f) ( c), 263 ( a), 267, 270, 278, 279 (b), 280, 281, 283, 283A, 326 (1) ( c ) (f ), 338 (dd), 339 (1) (d), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddecidi billi:-**

**Fil-konfront ta' Stephen Mifsud:-**

Il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel tliet akkuzi li gew inizjati a bazi tal-kwerela tal-Enemalta stante li din giet irtirata minnha tramite x-xhud taghha Michael Buttigieg.

**Issibu hati tas-sebgha (7) u tmien (8) akkuza kif inkorporati fil-hames (5) akkuza u tikkundannah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17h multa fis-somma ta' elf Ewro (€1000).**

**Issibu mhux hati tar-raba' (4) akkuza u tilliberah minnha.**

**Issibu hati tad-disgha (9) akkuza u tikkundannah canfira u twiddiba.**

Waqt li;

**Fil-konfront ta' Jean Claude Mifsud :-**

Il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel tliet akkuzi li gew inizjati a bazi tal-kwerela tal-Enemalta stante li din giet irtirata minnha tramite x-xhud Michael Buttigieg.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-provi kif prodotti mill-partijiet u hija tal-fehma li r-raba' (4) akkuza, u cioe' dik ta' attakk u rezistenza fuq l-Ufficjal PC 708 minn Jean Claude Mifsud. ma tirrizultax provata u ghalhekk tiliberah minnha.

**Issibu hati tas-sebgha (7) u tmien (8) akkuza kif inkorporati fil-hames (5) akkuza u tikkundannah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17h multa fis-somma ta' tmien mitt Ewro (€800).**

**Tiddikjara wkoll li ssibu hati tad-disa' (9) akkuza u tikkundannah ghoxrin Ewro (€20) ammenda.**

**Il-Qorti tordna li l-multi u ammendi ghandhom jithallsu minnufih u ghalhekk il-Qorti qieghda tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex jigbor dawn il-multi u l-ammenda.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**

**Magistrat**